



# Qwiel u Idjomi b'rabta mal-Baned fl-Ilsien Malti

*Mark Sciberras, B.A. (Hons), P.G.C.E.*

Fil-lingwa Maltija huma bosta dawk il-qwiel u l-idjomi li għandhom xi tip ta' konnessjoni mal-baned, l-istrumenti u anke d-daqq tal-mużika. Mingħajr l-iċken dubju, dan ikompli jsaħħaħ l-idea li ħajjet il-Maltin fl-imgħoddi kienet iddur madwar il-festi, inkluż id-daqq tal-mużika.

Mat-twaqqif tal-ewwel baned Maltin (fosthom il-Banda ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien) lejn nofs is-seklu dsatax, dawn bdew iħallu impatt fuq il-ħajja tal-poplu Malti. Il-baned introduċew kuxjenza ġdida ta' ċiviltà fost il-poplu filwaqt li daħħlu sens ġdid ta' struttura, organizzazzjoni u dixxiplina; karatteristiċi li żgur ma kinux tal-popolin.

L-importanza tal-baned għall-Maltin fl-imgħoddi għadha ħajja sal-lum fil-lingwa Maltija. Li kieku l-baned ma kinux parti essenzjali mill-ħajja tal-Maltin żgur li ma kinux se joħolqu qwiel, idjomi u espressjonijiet b'rabta mal-baned.

Din il-lista ta' qwiel u idjomi tixhed dan kollu. Uħud minn dawn il-qwiel jew idjomi li jidhru hawn taħt għadhom jintużaw sal-ġurnata tal-lum waqt li oħrajn qatt ma kont smajt bihom qabel jew jista' jkun li intilfu biż-żmien.

**Aktar se ndumu nikkurdaw milli ndoqqu** - tfisser li se ndumu wisq ma nibdew. L-orkestri jikkurdaw l-istrument tagħhom qabel il-kunċert u jqattgħu l-ħin iħejju ruħhom. Ma rridux naħlu aktar żmien nippreparaw ruħna milli ngawdu dak li nkunu rridu nagħmlu.

**Bil-banda llejla** - din tingħad meta jkun hemm xi tfal jibku.

**Donnu katuba** - tirreferi għal xi ħadd oħxon ħafna.

**Il-banda ddoqq u l-bajtar dieħel** - jingħad għall-abbużi li jidħlu għax ħadd ma jagħti kas.

**Il-katuba li tagħmel ħafna ħoss, ma hemm xejn fiha ħlief arja** - din tirreferi għal xi ħadd li jagħmel ħafna storbju meta jirrabja imma mbagħad jgħaddilu malajr.

**Ix-xitan l-ewwel jagħmik, imbagħad idoqq it-trumbetta bik** - din tfisser li x-xitan l-ewwel iwaqqgħek fil-ħażen imbagħad ixandrek.

**Ix-xitan li jdoqq it-trumbetta jaqbad miegħek la branzetta** - tingħad għal meta l-affarjiet imorru żmerċ.

**Jonħor daqs bumbardun** - tirreferi għal xi ħadd li jonħor ħafna u li jagħmel ħafna ħsejjes.

**Ma għandux widna** - tirreferi għal xi ħadd stunat u li mhux kapaċi jdoqq biċċa mużika li jkun sema' għad li jkun jafha.

**Mhix tal-widna** - tintuża biex nirreferu għal xi biċċa mużika li meta tismagħha ma tiftakarhiex malajr biex terġa' ddoqqha.

**Qatt iddoqq bit-trumbetta ta' ħaddieħor** - tintuża biex tfisser li ma jaqbillekx tiftaħar b'għemil ħaddieħor.

**Tas-sinjur bis-suġġetta u tal-fqir bit-trumbetta** - din tfisser li l-iżbalji u d-difetti tal-kbarat, tas-sinjuri u ta' min jista' malajr jinħbew, imma tal-fqir u tal-batut jissemmew mal-erbat irjieħ.

Żgur li f'din il-lista ta' qwiel u idjomi m'hawnx il-ġabra sħiħa ta' dawk l-espressjonijiet kollha li b'xi mod għandhom rabta mal-banda jew id-daqq tal-istrumenti. Xi qwiel jew idjomi jista' jkun li ntilfu maż-żmien jew inkella ma kinux popolari daqshekk biex jiġu miktuba fl-imgħoddi. Li hu żgur hu li ta' qabilna ħadmu u stinkaw biex żammew ħajja t-tradizzjonijiet u l-kultura ta' missirijiethom, mhux biss rigward il-lingwa Maltija iżda anke wkoll fejn jidħlu baned u daqq tal-mużika. Għalhekk ejjew nippreservaw u nibżgħu għall-kultura u t-tradizzjonijiet sbieħ li għandna filwaqt li ngħadduhom lil ta' warajna.

***Referenzi***


Brother Henry, *Qwiel Maltin*. Malta: De La Salle Brothers Pubblications, 1987. Stampat.

Fenech, K. *Idjomi Maltin: Imfissra u mwettqa b'siltiet minn kitba siewja*. Malta: Gutenberg Press, 2006. Stampat.

Manduca, J.S. u Mifsud. Ġ. *Il-Qawl iqul*. Malta: Publishers Enterprises Group, 1989. Stampat.

Vella, A. u Vella, C. "*L-Oriġini tal-Baned Maltin u t-Twaqqif tal-Banda ta' Ħal Tarxien*". *Għaqda Mużikali Marija Annunzjata* Ħal *Tarxien*, 6-65. 2012. Stampat.